



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2011/0146(COD)**

21.9.2012

**\*\*\*I**

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea fuq is-sikurezza mill-kriminalità  
(COM(2011)0335 – C7-0155/2011 – 2011/0146(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Timothy Kirkhope

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....5  
NOTA SPJEGATTIVA .....6



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea fuq is-sikurezza mill-kriminalità  
(COM(2011)0335 – C7-0155/2011 – 2011/0146(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0335),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0155/2011),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0000/2012),
1. Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta tagħha u biex tiegħu l-miżuri neċessarji flimkien mal-Parlament biex tippreżenta waħda ġdida;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## NOTA SPJEGATTIVA

### *Introduzzjoni*

Statistika komuni mal-UE kollha hija bażi importanti għall-iżvilupp tal-politiki tal-UE. Dan japplika aktar u aktar fil-qasam tal-liġi kriminali bħala kompetenza mħallta (l-Artikolu 4 tat-TFUE) fejn l-UE hija marbuta bil-prinċipju tas-sussidjarjetà (l-Artikolu 5 tat-TUE) u li bih il-liġi kriminali tolqot il-fehim tad-drittijiet fundamentali essenzjali f'soċjetà ħielsa.

Għaldaqstant, fuq il-bażi ta' data statistika komuni soda u koerenti biss, għandha tiġi żviluppata u adottata informazzjoni xierqa dwar l-isfond u l-istrumenti neċessarji tal-UE. L-importanza tal-istatistika ġiet enfasizzata bosta drabi, bħal fil-programm tal-Aja fir-rigward tal-prevenzjoni tal-kriminalità<sup>1</sup>, kif ukoll fil-programm reċenti ta' Stokkolma<sup>2</sup>, fejn dan tal-aħħar jiddikjara li "*statistika adegwata, affidabbli u komparabbli (kemm maż-żmien u bejn l-Istati Membri u r-reġjuni) hija prerekwiżit meħtieġ fost l-oħrajn għad-deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza dwar il-ħtieġa għal azzjoni, dwar l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u dwar l-effettività tal-azzjoni*" (Punt 4.3.3.). Ġew proposti u adottati wkoll żewġ pjanijiet ta' azzjoni, il-Pjan ta' Azzjoni 2006-2010<sup>3</sup> u l-aktar riċenti, il-Pjan ta' Azzjoni 2011-2015<sup>4</sup>.

Madankollu, il-ħtieġa għal tali data ma tfissirx li se tingħata "carte blanche" fir-rigward tal-aċċettazzjoni awtomatika ta' strument propost. Kwalunkwe strument propost għandu jkun metodoloġikament sod u koerenti, u għandu jkun ukoll ibbażat fuq analiżi xierqa tal-ispejjeż u tal-benefiċċji fir-rigward tal-fondi użati u l-eżitu previst. F'dan ir-rigward, il-maġġoranza kienet tal-opinjoni li l-proposta qajmet bosta mistoqsijiet essenzjali li ma twiegbux mill-Kummissjoni, minkejja li saru konsultazzjoni estensiva u mistoqsijiet lill-Kummissjoni mir-Rapporteur u x-shadow rapporteurs fil-qafas tal-laqgħat tal-LIBE u l-laqgħat speċjali organizzati mir-Rapporteur.

### *Metodoloġija*

Il-proposta qajmet mistoqsijiet dwar il-metodoloġija użata, b'mod partikolari rigward it-tipi ta' mistoqsijiet li saru, peress li wħud minnhom huma sensitivi u huwa diffiċli li wieħed jimmaġina l-valur miżjud jew l-affidabbiltà tat-tweġibiet. Pereżempju, il-mistoqsijiet dwar l-espożizzjoni għall-problemi tad-droga ta' konvenut, il-pusses tiegħu ta' arma tan-nar u l-biża' mit-terroriżmu ġew enfasizzati bħala miftuħa għal miżinterpretazzjoni. Mingħajr ma wieħed jidħol f'dibattitu dwar il-metodoloġija statistika b'mod ġenerali, hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tipproponi strumenti totalment koerenti u ċari li, l-ewwel u qabel kollox, ma għandhomx iqajmu problemi u inkoerenzji metodoloġiċi. L-istħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni jirrappreżenta tip ta' stħarriġ "soġġettiv" li jkejje l-livell ta' vittimizzazzjoni u l-opinjoni ta' persuna fir-rigward tal-kriminalità. Essenzjalment il-mistoqsijiet għandhom jiġu abbozzati b'mod ċar u preċiż li jippermetti t-tweġibiet l-aktar ċari possibbli, li l-analiżi tagħhom tista' tintuża għall-abbozzar ta' politika futura. It-tweġibiet iridu jħallu l-inqas marġini possibbli ta' interpretazzjonijiet diverġenti, peress li l-"istatistika dwar il-biża' mill-kriminalità" malajr tista' tiġi interpretata ħażin. Tali tħassib tqajjem mill-membri matul bosta laqgħat komuni u

<sup>1</sup> ĠU C 53, 3.3.2005, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU C 105, 4.5.2010, p. 1.

<sup>3</sup> COM(2006) 437 finali.

<sup>4</sup> COM(2011) 713 finali.

bilaterali mal-Kummissjoni u mal-Eurostat. Sfortunatament l-ispjegazzjonijiet mogħtija tqiesu bħala mhux sodisfaċenti mill-maġġornaza. Barra minn hekk il-karattru aleatorju tal-istħarriġ qajjem xi mistoqsijiet oħra għal uħud mill-Membri.

Valur miżjud jista' jinkiseb biss jekk tali stħarriġ jitwettaq fl-Istati Membri kollha tal-UE, mingħajr ċerti eċċezzjonijiet, bħalma huwa l-każ bħalissa (ara l-Artikolu 3 li jiddikjara li "*Franza u l-Irlanda ma għandhomx ikunu mitluba jiġbru data dwar il-vjolenza bejn il-membri tal-istess unità domestika*"). Skont il-maġġoranza, mingħajr stħarriġ komprensiv fl-Istati Membri kollha tal-UE, it-twertieq ta' stħarriġ li jiswa l-flus u li hu kkumplikat huwa dibattibbli. Barra minn hekk, il-maġġoranza tenfasizza l-mistoqsija tal-valur miżjud reali tal-istħarriġ fir-rigward tan-nuqqas ta' informazzjoni konkreta dwar kif ir-riżultati tiegħu se jintużaw fi proposti leġiżlattivi futuri. Qatt ma rċevejna tweġiba ċara għall-mistoqsija dwar x'se jkun il-benefiċċju tal-istħarriġ għall-istituzzjonijiet tal-UE.

### ***Finanzjament***

Fl-istess ħin in-nefqa indikata ta' EUR 12,000,000 hi nieqsa minn spjegazzjoni ċara u xierqa. F'dan ir-rigward ikun meħtieġ li l-Kummissjoni turi l-għadd ta' Stati Membri li diġà qed jagħmlu tali stħarriġ u l-ispejjeż ta' tali stħarriġ f'dawn l-Istati Membri u tqabbel u tanalizza l-valur miżjud u l-ispejjeż ta' stħarriġ li sar qabel u li kien kofinanzjat mill-Kummissjoni, bħall-istħarriġ Ewropew dwar il-Kriminalità u s-Sikurezza (EU ICS)<sup>1</sup> sabiex ikun hemm tweġiba għall-mistoqsija ta' koordinazzjoni possibbli mingħajr att leġiżlattiv (pereżempju, permezz tal-Grupp ta' Ħidma tal-Eurostat, eċċ.). L-ispjegazzjoni attwali fid-dikjarazzjoni leġiżlattiva finanzjarja, li "*lezzjonijiet [li ttieħdu] minn esperjenzi simili fil-passat*", ma tagħtix tweġiba sodisfaċenti. Abbażi ta' tali indikazzjoni ineżatta, għandha tingħata ġustifikazzjoni ċara għall-ammont indikat ta' EUR 12,000,000, speċjalment fi żmien ta' kriżijiet finanzjarji u tbatija fejn l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom ikunu eżempju ta' analażi xierqa tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji mwettqa fis-settur pubbliku.

### ***Konklużjoni***

Fid-dawl tan-natura mhux konvinċenti tal-argumenti mressqa biex jappoġġaw l-istħarriġ, ir-Rapporteur, abbażi tal-konsultazzjonijiet estensivi max-shadow Rapporteurs tiegħu u abbażi tad-deċiżjoni tal-maġġoranza tal-gruppi politiċi, jipproponi rifjut tal-proposta leġiżlattiva msemmija hawn fuq. Jistenna li l-Kummissjoni twieġeb il-problemi u l-mistoqsijiet indikati fit-tnejji ta' kwalunkwe proposta leġiżlattiva ġdida dwar is-suġġett imsemmi.

---

<sup>1</sup> <http://www.europeansafetyobservatory.eu>